MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 789/2004/1

**Bank of Valletta p.l.c**

**v.**

**Avukat Dottor Victor E. Ragonesi u Albert Stagno Navarra u Perit Frank Giordimaina Medici f'isimhom proprju u ghan-nom ta' Heritage Estates Limited u l-istess Heritage Estates Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Ottubru 2004 mill-bank attur li taqra hekk:

“Premess illi permezz ta' bejgh in Subasta numru 48/01 fl-ismijiet "Avukat Dottor Victor E. Ragonesi u wara n-nota pprezentata fit-2 ta' Ottubru 2000 dahlet bhala ezekutant iehor is-socjeta` bankarja Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Albert Stagno Navarra (I.D. numru 610747(M)) u Perit Frank Giordimaina Medici (I.D. numru 681249(M)) f‘isimhom proprju u ghan-nom ta' Heritage Estates Limited u l-istess Heritage Estates Limited (C 16372)" mizmum taht l-Awtorita` ta' din l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Ottubru, 2003 gew liberati favur il-konvenut l-Avukat Dottor Victor E. Ragonesi bil-prezz kumplessiv ta' tlieta u hamsin elf Liri Maltin (Lm53,000.00) *animo compensandi* (1) l-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3), formanti parti minn blokk ta' appartamenti maghruf bhala "Stanbridge Court", numru hamsa u ghoxrin (25), High Street, Tas-Sliema; u (2) spazju ghal parkeggjar ta' karozza li jgib in-numru sitta (6) liema spazju jinsab taht l-istess "Stanbridge Court", numru hamsa u ghoxrin (25) High Street, Tas-Sliema, fuq imsemmi, kif ahjar jirrizulta minn kopja tal-liberazzjoni li qed tigi hawn esebita u markata Dok. "A";

“Premess illi permezz tar-Rikors tieghu tat-22 ta' Ottubru 2003 u Cedola ta' Kompensazzjoni kontestwali (Dok. "B" u "C"), il-konvenut Dottor Victor E. Ragonesi talab jikkumpensa l-ammont lilu dovut mal-prezz tas-Subasta; u permezz ta' Risposta pprezentata fis-27 ta' Ottubru 2003 (Dok. "D") is-socjeta` attrici opponiet it-talba *inter alia* peress illi l-kreditu taghha jippregradwa dak ta' kwalsiasi kreditur iehor inkluz dak tal-Avukat Dottor Victor E. Ragonesi;

“Premess illi permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fit-11 ta' Marzu 2004, (Dok. "E") din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tal-konvenut Dottor Victor E. Ragonesi sabiex jikkumpensa, skond id-dispost tal-Artikolu 338 (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

“Premess illi l-esponenti pprezentat rikors fis-26 ta' Marzu 2004 (Dok. "F") fejn issottomettiet id-Digriet li nghata fit-11 ta' Marzu 2004 ma nghatax skond id-dispost tal-Artikolu 338 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet u dan *stante* illi ma gietx

segwita l-procedura kontemplata fis-subinciz 338 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet li mandatarjament jistipula galadarba jkun hemm oppozizzjoni, ir-rikors ghall-kompensazzjoni ghandu jigi appuntat ghas-smiegh u ghalhekk talbet ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tat-11 ta' Marzu 2004, u li din l-Onorabbli Qorti tappunta r-rikors tat-22 ta' Ottubru 2003 tal-konvenut Dottor Victor E. Ragonesi - fejn talab ilkompensazzjoni - ghas-smiegh;

“Premess illi permezz ta' digriet tat-13 ta' Lulju 2004 (Dok. "G") din l-Onorabbli Qorti ddegretat billi ordnat *"fic-cirkostanzi tordna lis-socjeta` attrici jekk jidhrilha tipprocedi skond il-ligi";*

“Premess illi fil-frattemp, il-konvenut Avukat Dottor Victor E. Ragonesi, ipprezenta rikors fis-16 ta' Marzu 2004 (Dok. "H") fejn talab illi din l-Onorabbli Qorti timmodifika d-digriet tal-11 ta' Marzu 2004 (Dok. "E") fis-sens li tilqa’ t-talba tal-istess konvenut u thassar il-kliem *contrario imperio* skond id-dispost tal-Artikolu 338 (4) u dan sabiex il-kumpensazzjoni tintlaqa' minghajr il-htiega huwa jaghti garanzija skond l-imsemmi subinciz.

“Premess illi ghal dan ir-rikors, l-attrici pprezentat risposta fis-26 ta' Marzu 2004 (Dok. "I") li biha opponiet ghat-talba partikolarment ghaliex kull ma kien sar sa dak iz-zmien kien anke irritu u null peress li ma gietx segwita l-procedura stipulata fl-Artikolu 338 partikolarment dak stipulat fis-subinciz (3) li jitlob illi l-Qorti tisma' lill-partijiet. Dan minbarra l-fatt illi l-konvenut Dottor Victor E. Ragonesi ma kellux dritt jikkumpensa peress illi d-debitu tal-attrici kien munit b'ipoteki li jippregradwaw dawk ta' kwalsiasi kreditur iehor kif kien jigi ahjar imfisser lill-Qorti kieku r-rikors ghall-kumpensazzjoni gie appuntat ghas-smiegh kif trid il-Ligi.

“Premess illi b'digriet iehor moghti minn din l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Lulju 2004, li kopja tieghu qed tigi hawn esebita u markata Dok. "J". Din il-Qorti ddegretat li *"Wara li regghet ezaminat fid-dettal din il-procedura ta' bejgh in subasta, tilqa' t-talba kif mitluba bir-rikors fuq citat, salvi u*

*mpregudikati d-drittjiet tas-Socjeta` Bank of Valletta Plc ‘si et quatinus’;”*

“Premess illi in segwitu ghad-digriet fuq imsemmi, gew registrati fir-Registru Pubbliku l-bejgh in Subasta u t-trasferiment favur il-konvenut Avukat Dottor Victor E. Ragonesi tal-immobbli fuq imsemmija permezz ta' Noti tal-Insinwa numru I 12647/04 u I 12821/04, li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u markata Dok. "K" u "L" rispettivament.

“Premess illi d-digrieti fuq imsemmija u cioe` dak tal-11 ta' Marzu 2004 (Dok. "E") kif ukoll it-tnejn tat-13 ta' Lulju 2004 (Dok. "G" u "J") inghataw bi vjolazzjoni ta' dak li jistipula l-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili — Kap. 12 tal-Ligijiet u dan peress illi ma nghatax id-dritt tas-smiegh li tassattivament jitlob l-imsemmi artikolu u ghalhekk huma nulli.

“Premess illi sakemm tigi deciza din il-kawza, hemm il-htiega illi l-konvenut Dottor Victor E. Ragonesi jigi inibit milli jitrasferixxi lil terzi l-immobbli fuq imsemmija u dan ghaliex altrimenti s-socjeta` esponenti ssofri pregudizzju rrimedjabbli jekk eventwalment il-konvenut ma jiddepozitax fuq ordni tal-Qorti l-prezz pattwit u jkollu jsir il-bejgh mill-gdid kif jipprovdi l-Artikolu 340 (1) u 329 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet u permezz ta' rikors ipprezentat kontestwalment intalab il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenut Avukat Dottor Victor E. Ragonesi biex ikun hemm tali inibizzjoni mill-bejgh.

“Jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

“1. Tiddikjara illi d-digrieti moghtija fil-11 ta' Marzu 2004 (Dok. "E") u dak tat-13 ta' Lulju 2004 (Dok. "J") wara r-rikors ipprezentat mill-konvenut Dottor Victor E. Ragonesi fis-16 ta' Lulju 2004 u dak tat-13 ta' Lulju 2004 (Dok. "G") fejn cahdet it-talba tas-socjeta` attrici pprezentata permezz ta' rikors tas-26 ta' Marzu 2004 kollha ma nghatawx skond id-dispost tal-Artikolu 338 tal-Kodici

tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u li ghalhekk huma nulli, irriti u invalidi skond il-Ligi;

“2. Tordna l-kancellament tan-Nota tal-Insinwa I 12647/04 u I 12821/04 iskritti fir-Registru Pubbliku u tordna wkoll illi ma ghandux jigi registrat fir-Registru Pubbliku l-ebda bejgh in segwitu ghas-Subasta numru 48/01 (1) tal-appartament internament markat bin-numru tlieta (3), formanti parti minn blokk ta' appartamenti maghruf bhala "Stanbridge Court", numru hamsa u ghoxrin (25), High Street, Tas-Sliema; u (2) tal-ispazju ghal parkeggjar ta' karozza li jgib in-numru sitta (6) liema spazju jinsab taht l-istess "Stanbridge Court", numru hamsa u ghoxrin (25) High Street, Tas-Sliema, fuq imsemmi, qabel ma jkun hemm digriet finali moghti skond il-procedura tal-Artikolu 338 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

“3. Tordna a tenur tal-Artikolu 338 (3) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili r-rikors ghall-Kompensazzjoni pprezentat mill-Avukat Dottor Victor E. Ragonesi (Dok. "B") fl-atti tas-Subasta 48/01 jigi appuntat ghas-smiegh.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Dr. Victor E. Ragonesi (fol. 46) li in forza taghha ecepixxa illi;

“1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

“2. Minghajr pregudizzju, illi l-proceduri kollha tas-subasta *de quo*, kif ukoll id-digrieti u d-decizjonijiet kollha relattivi tal-Qorti saru skond il-ligi, huma validi u, f’dan l-istadju, ma jistghux jigu mill-gdid konsiderati, valutati jew b’xi mod modifikati.

“3. Minghajr pregudizzju, illi *a termini* tal-Artikolu 335 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, oppozizzjoni ghall-proceduri ta’ subasta ghandha ssir, biex tkun valida, b’nota fir-Registru tal-Qorti u mdahhla fl-atti tal-proceduri

tal-irkant, u ssir qabel il-proceduri ghall-bejgh u tesprimi b'mod esplicitu ghal kontrarjeta` ghat-talba ta' tpacija "*animo compensandi*", sostenuta b'dokumentazzjoni. Dan, is-socjeta` attrici mhux biss ma ghamlitux, izda kif jigi pruvat, talbet biex tippartecipa u fil-fatt ikkonkorriet fil-proceduri tal-irkant ghal bejgh, hija wkoll "*animo compensandi"*.

"4. Minghajr pregudizzju, jekk is-socjeta` attrici riedet topponi ghad-domanda tal-eccipjenti li joffri fil-bejgh *"animo compensandi"* din l-oppozizzjoni jmissa saret qabel il-gurnata li fiha effettivament gie esegwit dak il-bejgh.

"5. Minghajr pregudizzju, illi ladarba l-Qorti kienet tal-fehma li l-procedura da parti tas-socjeta` attrici ma gietx segwita, kif spjegat fuq, l-istess Qorti gustament iddecidiet li l-oppozizzjoni tal-istess socjeta` attrici, f'dak l-istadju tal-proceduri, hija bla bazi legali, u llum ma tistax tirrikonsidra jew tirrivedi decizjonijiet taghha li, meta saru, kienu legali.

"6. Minghajr pregudizzju, illi skond l-Artikolu 338 (3) tal-Kapitolu 12, invokat mis-socjeta` attrici, l-oppozizzjoni tal-istess socjeta` attrici kienet intempestiva, ghaliex dik l-oppozizzjoni jmissa saret qabel il-bejgh, u mhux meta kien sar kollox u l-bejgh konkluz. Proprju ghalhekk il-Qorti kkonkludiet u ddegretat, gustament u rrevokabbilment, li ma kienx hemm in-necessita` li r-risposta tas-socjeta` attrici tas-27 ta' Ottubru 2003, tinstema' mill-istess Qorti.

"7. Minghajr pregudizzju, illi l-proprjeta` li giet validament mibjugha in subasta lill-eccipienti, wara li l-proceduri kollha tas-subasta saru regolarment u legalment, kompriz ix-xiri da parti tal-eccipjent "*animo compensandi"*, liema proceduri gew dejjem legalment sanzjonati fil-hin opportun mill-istess Qorti, liema proprjeta` llum hija skritta fir-Registru Pubbliku a favur tal-eccipjent, l-istess Qorti ma tistax timpedixxi lill-istess eccipjent li jbiegh l-istess proprjeta`.

"8. Minghajr pregudizzju, jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza li l-eccipjent, skond dikjarazzjoni tal-awtorita`

kompetenti, meta beda l-proceduri tas-subasta, ma kienx jaf bil-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici, u l-istess socjeta` attrici f'dak l-istadju ma ndikatx lill-Qorti u lill-eccipjent b'dawk il-pretizi pretensjonijiet.

"9. Minghajr pregudizzju, meta s-socjeta` konvenuta "Heritage Estates Limited" irceviet il-flus li kien hallasha Alexander Kazitsine, u wara s-somma li rceviet meta bieghet il-*flat* 20 "Sunrise Court", Triq it-Tamal, Qawra lil Joseph u Mary Grace Konjugi Scicluna in atti Dr. Angelo Vella tat-28 ta' Marzu 2000 is-socjeta` attrici ma ghamlet xejn biex tirrikava dawk is-somom, u ma hadet ebda passi gudizjarji talli dawk is-somom ma gewx imhallsa lilha, *nonostante* l-pretensjonijiet taghha ipotekari.

"10. Minghajr pregudizzju, illi s-socjeta` attrici mhux biss ma opponietx ghall-bejgh in subasta tal-proprjeta` kif mitluba mill-eccipjent, u ghat-talba tal-istess eccipjent li joffri f'dik is-subasta "*animo compensandi*", fil-hin propizju, izda l-istess socjeta` attrici talbet lill-Qorti u otteniet l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti li tikkonkorri f'dik is-subasta, li taghmel l-offerti taghha, u li dawk l-offerti jkunu *"animo compensandi"*. Fil-fatt ikkonkorriet, ghamlet offerti, u deherilha li ma kellhiex tkompli toffri, izda ppremettiet lill-esponent u lil terzi li jkomplu joffru, u li l-offerti tal-esponent, eccipjent, isiru wkoll *"animo compensandi".*

"11. Illi apparti tal-proprjeta` formanti parti l-proceduri tas-subasta, is-socjeta` attrici ghandha garanziji legali fuq proprjetajiet ohra tas-socjeta` konvenuta u tal-istess direttur taghha, Albert Stagno Navarra, personalment, tista' jekk trid tezercita dawk id-drittijiet biex tissodisfa l-istess pretensjonijiet, u ghalhekk il-konkluzjonijiet definittivi tas-subasta ma ppregudikawhiex.

"12. Minghajr pregudizzju, illi l-pretensjoni li l-Qorti tisma' l-partijiet mhux tassativa, tant li l-istess Qorti ghandha diversi ghazliet, kif tipprocedi, u l-Qorti ghazlet dak li kien opportun fil-kaz.

"13. Minghajr pregudizzju, illi l-azzjonijiet kollha li hadet is-socjeta` attrici kienu tardivi legalment, u ghalhekk il-

Qorti ma tistax u ma ghandhiex tiehu in konsiderazzjoni l-istess talbiet attrici.

“14. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Marzu 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“...... fil-kontumacja tal-konvenuti Albert Stagno Navarra *et proprio et nomine* u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Victor Ragonesi peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

“1) Tiddikjara li d-digrieti moghtija fil-11 ta’ Marzu, 2004 (Dok. “E”) u dak tat-13 ta’ Lulju 2004 (Dok. “J”) wara r-rikors ipprezentat mill-konvenut Dottor Victor E. Ragonesi fis-16 ta’ Lulju 2004 u dak tat-13 ta’ Lulju, 2004 (Dok. “G”) fejn cahdet it-talba tas-socjeta` attrici pprezentata permezz ta’ rikors tas-26 ta’ Marzu, 2004 kollha ma nghatawx skond id-dispost tal-**Artikolu 338 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili** u li ghalhekk huma nulli, irriti u invalidi skond il-Ligi;

“2) Tordna l-kancellament tan-Nota ta’ l-Insinwa I 12647/04 u I 12821/04 iskritti fir-Registru Pubbliku u tordna wkoll li m’ghandux jigi registrat fir-Registru Pubbliku l-ebda bejgh in segwitu ghas-subasta numru 48/01 (1) tal-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3), formanti parti minn blokk ta’ appartamenti maghruf bhala “Stanbridge Court”, numru hamsa u ghoxrin (25), High Street, tas-Sliema; u (2) tal-ispazju ghall-parkeggjar ta’ karozza li jgib in-numru sitta (6) liema spazju jinsab taht l-istess “Stanbridge Court”, numru hamsa u ghoxrin (25) High Street, Tas-Sliema, fuq imsemmi, qabel ma jkun hemm digriet finali moghti skond il-procedura tal-**Artikolu 338 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili**; u

“3) Tordna a tenur tal-**Artikolu 338 (3) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili** illi r-Rikors ghall-Kompensazzjoni pprezentat mill-Avukat

Dottor Victor E. Ragonesi (Dok B) fl-atti tas-Subasta 48/01 jigi appuntat ghas-smiegh.
"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din il-kawza saret mis-socjeta` attrici peress li qed tallega li d-digrieti moghtija fil-11 ta' Marzu 2004 (Dok. "E") u t-tnejn moghtija fit-13 ta' Lulju 2004 (Dok. "J") wara r-rikors ipprezentat mill-konvenut Dottor Victor E. Ragonesi fis-16 ta' Lulju 2004 u dak tat-13 ta' Lulju 2004 (Dok. "G") fejn cahdet it-talba tas-socjeta` attrici pprezentata permezz ta' rikors tas-26 ta' Marzu 2004 fl-atti tas-Subasta Numru 48/01 fl-ismijiet "Avukat Dottor Victor E. Ragonesi u wara n-nota pprezentata fit-2 ta' Ottubru 2003 dahlet bhala ezekutant iehor is-socjeta` bankarja Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Albert Stagno Navarra (I.D. numru 610747(M)) u Perit Frank Giordimaina Medici (I.D. numru 681249(M)) f'isimhom proprju u ghan-nom ta' Heritage Estates Limited u l-istess Heritage Estates Limited (C 16372)" huma nulli, irriti u invalidi skond il-ligi u dan ghaliex kollha ma nghatawx skond id-dispost tal-**Artikolu 338** tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; b'dan ghalhekk li ghalhekk tali rikors ta' kompensazzjoni pprezentat mill-Avukat Dottor Victor E. Ragonesi ghandu a tenur tal-**Artikolu 338 (3)** jigi appuntat ghas-smiegh u tordna l-kancellament tan-Noti ta' Insinwa ndikati fit-tieni talba attrici u li ma ghandux jigi registrat ebda bejgh in segwitu ghas-subasta msemmija tal-immobbli hemm indikati fl-istess tieni talba, u dan sakemm ma jkun hemm digriet skond il-procedura tal-**Artikolu 338 tal-Kap. 12.**

"Illi din il-Qorti thoss li sabiex tigi ezaminata sew il-kawza odjerna hemm bzonn li jigu elenkati l-fatti u s-sekwenza taghhom kif jirrizultaw mill-atti tas-subasta numru 48/01, liema atti jinsabu allegati mal-process tal-kawza odjerna, u wkoll uhud mill-atti, partikolarment dawk li tirreferi ghalihom l-azzjoni odjerna huma esebiti f'dawn l-atti u partikolarment annessi ma' l-atti tac-citazzjoni attrici.

"Illi fil-fatt mill-imsemmija atti tas-subasta jirrizulta li fis-26 ta' Gunju 2001 inghatat decizjoni mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Avukat Dottor Victor E. Ragonesi v. Albert Stagno Navarra u l-Perit Frank Giordmaina Medici, f'isimhom proprju u bhala diretturi u a nom ta' Heritage Estates Limited, u l-istess Heritage Estates Limited"** (Citaz. Numru 770/01/GCD) fejn l-attur fl-istess kawza gie kannonizzat kreditur tas-socjeta` konvenuta fl-ammonti hemm indikati, b'hekk li s-socjeta` konvenuta giet dikjarata bhala debitrici tal-istess attur.

"Illi fis-16 ta' Lulju 2001, Dr Victor Ragonesi pprezenta rikors fejn talab li jigi ordnat il-bejgh in subasta tal-proprjetajiet hemm imsemmija cioe` (1) porzjoni diviza ta' art, maghrufa 'Ta' San Giusepp' jew 'Ta' Sqaq il-Fniek', Santa Venera; (2) appartament fl-ewwel sular, internament numru 3, formanti parti minn blokk ta' appartamenti bl-isem "Stanbridge Court", numru 25, High Street, Sliema, u spazju ghall-parkeggjar ta' karozza li jgib in-numru 6, liema spazju jinsab taht l-istess blokk – u dan in esekuzzjoni tal-kreditu ta' Lm45,960.68 dovut in forza tal-imsemmija sentenza, liema rikors gie biss notifikat lis-socjeta` konvenuta hemm indikata u b'digriet datat 17 ta' Lulju 2001, il-Qorti laqghet it-talba u nnominat il-Perit Rene Buttigieg sabiex jaghmel deskrizzjoni u valutazzjoni tal-istess fondi.

"Illi fid-9 ta' Awwissu 2001 is-socjeta` Heritage Estates Ltd. ipprezentat rikors fejn talbet ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tas-17 ta' Lulju 2001 minhabba li s-sentenza ndikata kienet giet appellata. Dr. Victor Ragonesi pprezenta r-risposta tieghu fil-21 ta' Awwissu 2001. Fis-27 ta' Awissu 2001 il-Qorti ordnat lis-socjeta` konvenuta biex jekk jidhrilha tipprocedi skond il-ligi. Ghalhekk fit-18 ta' Settembru 2001 is-socjeta` Heritage Estates Ltd ipprezentat rikors fejn talbet is-sospensjoni tal-proceduri tas-subasta pendenti l-ezitu tal-appell u ddepozitat f'idejn ir-Registratur l-ammont tal-ispejjez necessarji *ai termini* tal-Artikolu 326 tal-Kap.12. Dr. Victor Ragonesi pprezenta r-risposta tieghu fit-3 ta' Ottubru 2001. Il-Qorti ordnat permezz tad-digriet tal-15 ta' Ottubru

2001 lis-socjeta` Heritage Estates Ltd biex jekk jidhrilha tipprocedi skond il-ligi.

“Illi fil-frattemp il-Perit Tekniku l-mibki Rene Buttigieg ipprezenta r-relazzjoni tieghu datata 14 ta’ Settembru 2001. Il-Qorti b’digriet datat 22 ta’ Ottubru 2001 stabbilit id-data ghall-bejgh bl-irkant ghad-data tas-6 ta’ Dicembru 2001 fejn b’dan id-digriet u bil-pubblikazzjoni relattiva fil-Gazzetta tal-Gvern datata 31 ta’ Ottubru 2001 gew notifikati l-konvenuti kollha fl-istess kawza kif jidher *a tergo* tal-istess avviz ta’ pubblikazzjoni premess.

“Illi fid-29 ta’ Novembru 2001 sar rikors mis-socjeta` Heritage Estates Ltd fejn l-istess socjeta` talbet is-sospensjoni tal-proceduri tas-subasta pendenti l-ezitu tal-kawza (Citaz. Numru 1837/01) intavolata minnha kontra Dr. Victor Ragonesi li permezz taghha s-socjeta` debitrici talbet lil Qorti biex tiddikjara l-proceduri tas-subasta nulli u bla effett. Dr Ragonesi permezz tar-rikors tat-3 ta’ Dicembru 2001 talab sabiex ikun awtorizzat jaghmel offerti *animo compensandi.* Fl-4 ta’ Dicembru 2001 il-Qorti laqghet it-talba ghas-sospensjoni tal-proceduri tas-subasta.

“Illi fid-9 ta’ Dicembru 2002 Dr. Victor Ragonesi rega’ pprezenta rikors fejn talab lil Qorti biex terga’ tordna l-bejgh in subasta tal-immobbli ndikati fir-rikors tas-16 ta’ Lulju 2001 *stante* li s-sentenza tas-26 ta’ Gunju 2001 giet konfermata mill-Onorabbli Qorti ta’ Appell fil-konfront tas-socjeta` Heritage Estates Limited fis-6 ta’ Dicembru 2002 b’dan li l-atti tal-kawza gew rimessi quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghal fini ta’ kontinwazzjoni fir-rigward tal-konvenuti *proprio*. Rat id-digriet tad-9 ta’ Jannar 2003 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimati, u jidher li saret notifika unika lil Albert Stagno Navarro *proprio et nomine* fis-6 ta’ Frar 2003 (il-Marixxall Francis X. Ellul) u b’digriet datat 20 ta’ Frar 2003 il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-proceduri anki billi ma rrizultat ebda oppozizzjoni u jidher li b’digriet iehor datat 21 ta’ Frar 2003 giet iffissata d-data tas-27 ta’ Marzu 2003 ghall-bejgh bl-irkant b’dan li nghad fl-istess digriet li tali avvizi kellhom jigu notifikati bih id-debituri u l-kreditur ezekutant.

Jidher li saret pubblikazzjoni fil-gazzetta “Il-Gens” tal-1 ta’ Marzu 2003 ipprezentata b’nota ta’ Dr. Victor Ragonesi datata 6 ta’ Marzu 2003 dejjem fl-atti tal-istess subasta (*Registry Superior Courts* No. 625).

“Illi fis-7 ta’ Jannar 2003 Dr. Victor Ragonesi pprezenta rikors fejn rega’ talab li jaghmel offerti *animo compensandi* u b’digriet datat 4 ta’ Marzu 2003 ordnat in-notifika lill-intimati b’jumejn zmien ghar-risposta. B’risposta datata 17 ta’ Marzu 2003 l-intimati Albert Stagno Navarra *et pro et nomine* opponew ghall-istess wara li gew notifikati fit-13 ta’ Marzu 2003 u b’digriet datat 21 ta’ Marzu 2003 il-Qorti laqghet it-talba ghaliex sostniet li l-kawza li saret riferenza ghaliha fir-rikors tas-6 ta’ Marzu 2003 illum giet deciza u b’hekk ma hemm l-ebda opposizzjoni.

“Illi fis-6 ta’ Marzu 2003 gie pprezentat rikors minn Albert Stagno Navarro *et proprio et nomine* fejn fost ohrajn spjega li ma saritx risposta ghar-rikors tad-9 ta’ Dicembru 2002 ghax l-avukat tar-rikorrenti kien imsiefer u peress li l-kawza Citaz. Numru 1837/01/TM kienet ghadha pendenti ntalab li l-Qorti tirrevoka *contario imperio* d-digriet tal-20 ta’ Frar 2003 u tordna li s-subasta tibqa’ sospiza pendenti l-ezitu tal-kawza Cit Nru: 1837/01/TM. Rat ir-risposta ta’ Dr. Victor Ragonesi tal-24 ta’ Marzu 2003, u digriet ta’ din il-Qorti datat l-1 ta’ April 2003, fejn wara li osservat ukoll li l-kawza msemmija giet deciza astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors tas-6 ta’ Marzu 2003 minhabba li s-subasta kienet fil-fatt giet mizmuma fis-27 ta’ Marzu 2003 u peress li ma dehrux offerenti bizzejjed, l-atti tas-subasta kienu marru *sine die.*

“Illi dakinhar stess tal-1 ta’ April 2003 Dr. Victor Ragonesi pprezenta rikors biex il-proceduri tas-subasta jitkomplew. Fil-15 ta’ April 2003 il-Qorti laqghet it-talba u ffissat id-data ghall-bejgh in subasta ghat-22 ta’ Mejju 2003. B’nota datata 30 ta’ April 2003 Dr. Victor Ragonesi pprezenta kopja ta’ pubblikazzjoni li saret fil-gazzetta “Il-Gens” (bla data) ghalkemm jinghad fl-istess nota li l-pubblikazzjoni saret fis-26 ta’ April 2003. Fis-16 ta’ April 2003 saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern izda jidher li hemm riferti negattivi ghan-notifika tad-debituri bl-istess avviz.

"Illi fis-26 ta' Mejju 2003 sar rikors iehor minn Dr. Victor Ragonesi sabiex jigi ffissat jum iehor ghall-bejgh in subasta minhabba li fit-22 ta' Mejju 2003 is-subasta ma saritx. B'digriet datat 29 ta' Mejju 2003 giet iffissata d-data tal-Hamis 26 ta' Gunju 2003 u jidher li kien hemm pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fil-5 ta' Gunju 2003, u tali pubblikazzjoni giet notifikata lill-persuni ndikati bhala debituri. B'nota tat-12 ta' Gunju 2003 pprezentata minn Dr. Victor Ragonesi gie esebit estratt ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta lokali "Il-Gens" datata 12 ta' Gunju 2003.
"Illi fis-26 ta' Gunju 2003 kien hemm liberazzjoni ghal-favur ta' Dr. Victor Ragonesi bil-prezzijiet indikati fl-atti hekk datati u ffirmati minn Vincent Attard, Deputat Registratur tal-Qorti. Minhabba li kien hemm ksur tal-kwindena fit-2 ta' Lulju 2003, permezz ta' digriet mill-Onorevoli Mhallef Joseph Azzopardi datat 15 ta' Lulju 2003 giet iffissata gurnata ohra ghall-bejgh bl-irkant ghas-16 ta' Ottubru 2003 b'dan li l-Qorti ordnat li bl-istess digriet jigu notifikati l-kreditur ezekutant, id-debituri ezekutati, il-liberitarju u dawk li offrew l-ahhar. Jirrizulta li fl-istess atti tas-subasta li hemm nota ta' Dr. Victor E. Ragonesi bla ebda data fejn permezz taghha gew esebiti estratti tal-Gazzetti lokali "it-Torca" u "Il-Gens" datati rispettivament 7 u 6 ta' Settembru 2003.

"Illi mill-istess atti tas-subasta jirrizulta li fit-2 ta' Ottubru 2003 il-Bank of Valletta p.l.c ipprezentat rikors fejn talbet li toffri wkoll *animo compensandi* skond id-dispost tal-**Artikolu 333** *et sequitur* tal-Kap. 12 u dan peress li hija sostniet li kienet kreditrici tas-socjeta` Heritage Estates Ltd u in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 26 ta' Lulju 2003, liema kuntratt gie res ezegwibbli permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Settembru 2003 u fil-fatt l-istess socjeta` ppremettiet li l-kreditu taghha kontra s-socjeta` Heritage Estates Limited kien fis-somma ta' Lm103,312 bl-imghax mill-1 ta' April 2003.

"Illi fl-istess data s-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. ipprezentat nota fejn talbet li skond id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 346 tal-Kap. 12** li kienet sejra tidhol bhala ezekutant iehor fl-atti tas-subasta proprju minhabba li s-

socjeta` Heritage Estates Ltd hija debitrici tas-socjeta` fl-ammont ta' Lm103,312, u fl-istess nota hemm indikat li l-istess kreditu taghha jippregradwa l-kreditu tal-kredituri l-ohra.

"Illi l-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef permezz ta' digriet datat 6 ta' Ottubru 2003 ordnat li r-rikors tal-Bank jigi notifikat lil kull min ghandu x'jaqsam b'jumejn zmien ghar-risposta.

"Illi Dr. Victor Ragonesi jidher li gie notifikat fid-9 ta' Ottubru 2003 u b'risposta datata 13 ta' Ottubru 2003 l-istess Dr. Victor Ragonesi oppona ghat-talba tas-socjeta` attrici odjerna peress li sostna li s-subasta kienet giet appuntata diversi drabi u d-data ta' meta kellha ssir giet dejjem ippubblikata. Inoltre sostna li l-Bank of Valletta p.l.c. ma setax jippretendi li joffri *animo compensandi stante* li s-sentenza a favur tieghu hija kawtelata bi drittijiet ipotekarji pozjuri ghal dawk tal-Bank of Valletta p.l.c. Mill-atti relattivi tas-subasta annessi ma' din ic-citazzjoni ma jidhirx li nghata digriet dwar l-istess. Jidher li hemm riferiti negattivi ghas-socjeta` Heritage Estates Limited. Ghalhekk ma jirrizultax mill-atti li kien hemm digriet fuq din it-talba.

"Illi jidher li l-bejgh in subasta sehh u fis-16 ta' Ottubru 2003 zewg fondi gew liberati favur Dr. Victor Ragonesi u dan jidher mill-process verbal tal-istess data. Fis-17 ta' Ottubru 2003 il-Bank of Valletta plc ipprezentat mandat ta' sekwestru Numru 1763/03 kontra Heritage Estates Ltd.
"Illi fit-22 ta' Ottubru 2003 Dr. Ragonesi pprezenta cedola ta' kompensazzjoni sabiex jigi konfermat proprjetarju tal-appartament u spazju ta' parkegg. Fl-istess gurnata huwa pprezenta rikors ta' kompensazzjoni. B'digriet datat 23 ta' Ottubru 2003 l-Qorti ordnat li l-istess rikors u cedola jigu notifikati lil kull min ghandu x'jaqsam b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

"Illi fis-27 ta' Ottubru 2003 is-socjeta` Bank of Valletta plc ipprezentat ir-risposta taghha fejn talbet li tigi michuda t-talba ta' Dr. Victor Ragonesi biex tigi approvata l-kompensazzjoni minhabba li (i) hija wkoll kreditrici tas-

socjeta` ezekutata minhabba li kellha titolu ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Settembru 2003 li rrendiet esegwibbli l-kuntratt datat 26 ta' Lulju 2000, u dan fl-ammont hemm indikat ta' Lm103,312.00, bl-imghax hemm indikat, u *in forza* tal-istess harget Mandat ta' Sekwestru Numru 1763/03, (ii) hija wkollipprezentat rikors biex toffri *animo compensandi* u b'hekk japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 336** *et sequitur* (iii) kreditu taghha jippregradwa kwalsiasi kreditu iehor inkluz dak vantat mill-konvenut odjern, tant li ghamlet riferenza ghall-iskrizzjonijiet ipotekarji numru I 20159/95, I 20166/95, I 4993/97, I 5402/97 u I 12839/00 (Dok. "C" sa Dok. "G" annessi) u (iv) ghamlet riferenza li t-taxxa tal-ispejjez u drittijiet gudizzjarji tal-kawza Citaz. Numru 771/01/GCD annessa mac-cedola ta' kompensazzjoni kienet differenti minn dik intaxxata mir-Regsitratur tal-Qorti, tant li gie allegat li kien hemm differenza ta' Lm10,000 bejn l-istess u b'hekk talbet li l-ammont ghandu jigi depositat sabiex japplikaw il-provedimenti tal-Artikolu 340 tal-Kap. 12 u l-prezz jigi depositat sabiex jinbdew il-proceduri ghall-konkors ta' kredituri.

"Illi fil-11 ta' Novembru 2003 Dr. Victor Ragonesi b'risposta ulterjuri datata 17 ta' Novembru 2003 sostna li l-oppozizzjoni tal-Bank of Valletta plc ghar-rikjesta tieghu li joffri *animo compensandi* jmissa saret qabel id-data li saret u dan skond l-Artikolu 334. L-avviz tal-bejgh gie ppubblikat fil-5 ta' Awwissu 2003. Huwa gie awtorizzat joffri *animo compensandi* fl-4 ta' Dicembru 2001. Inoltre s-sekwestru tal-Bank of Valletta plc gie pprezentat fis-17 ta' Ottubru 2003 cioe` wara l-ezitu finali tas-subasta.

"Illi fit-13 ta' Jannar 2004 l-istess Dr. Victor Ragonesi talab li peress li wara d-digriet tat-23 ta' Ottubru 2003 huwa baqa' ma rnexxilux jinnotifika r-rikors ghall-kompensazzjoni u c-Cedola ta' Kompensazzjoni lil Perit Frank Giordmaina Medici huwa talab li dan isir permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni, talba li giet milqugha b'digriet datat 14 ta' Jannar 2004.

“Rat in-nota ta’ Dr. Victor Ragonesi datata 5 ta’ Frar 2004 fejn esebixxa kopja tal-Gazetta “Il-Gens” datata 31 ta’ Jannar 2004.

“Rat kopja ta’ estratt ghall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern datata 16 ta’ Jannar 2004.

“Illi permezz ta’ digriet ta’ din il-Qorti datat 11 ta’ Marzu 2004 inghad li wara li l-Qorti rat ic-Cedola ta’ Kompensazzjoni u r-rikors kontestwalment ipprezentat minn Dottor Victor Ragonesi LL.D. fit-22 ta’ Ottubru 2003 u d-dokumenti annesi; rat l-atti tas-subasta fl-istess ismijiet premessi fir-rikors numru 48/2001; rat ir-rikors ta’ Dr. V. Ragonesi datat 13 ta’ Jannar 2004 u in-nota tal-istess Dr. Victor Ragonesi datata 5 ta’ Frar 2004 u d-dokumenti annessi u r-risposta ta’ Bank of Valletta plc tas-27 ta’ Ottubru 2003 u d-dokumenti hemm annessi u rat ir-risposta ulterjuri ta’ Dr. Victor Ragonesi tal-11 ta’ Novembru 2003 u rat l-**Artikolu 335 (2) tal-Kap. 12** u l-Qorti laqghet it-talba skond l-**Artikolu 338 (4) tal-Kap. 12** fir-rigward tar-rikors u c-cedola ta’ kompensazzjoni mitluba mill-konvenut Dr. Victor Ragonesi.

“Illi fit-22 ta’ Marzu 2004 Dr. Victor Ragonesi pprezenta rikors iehor sabiex jigi modifikat id-digriet tal-11 ta’ Marzu 2004 fis-sens li *“tilqa’ t-talba tal-esponenti u thassar il-kliem fl-ahhar paragrafu “contrario imperio” - skond id-dispost tal-Artikolu 338 (4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta”* ghar-ragunijiet hemm minnu ndikati (Dok. “H”). Il-Qorti ordnat in-notifika lis-socjeta` Bank of Valletta plc b’seba’ t’ijiem ghar-risposta.

“Illi b’risposta datata 26 ta’ Marzu 2004 is-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. opponiet ghall-istess kif jidher minn Dok. “I” anness mac-citazzjoni attrici, u fejn gie ndikat li la darba hija pprezentat ir-rikors sabiex toffri *animo compensandi* u n-nota abbazi tal-**Artikolu 346 tal-Kap. 12** sabiex tagixxi bhala kreditur ezekutant, allura kien japplika l-**Artikolu 336** fejn fil-kaz ta’ zewg kredituri li jitolbu li jsiru offerti *animo compensandi,* allura f’dan il-kaz japplika l-**Artikolu 334** li jipprovdi tali permess jinghata hlief bil-kondizzjoni li l-offerent jaghmel depositu tal-prezz jekk jigi deciz hekk

mill-Qorti; dan apparti li l-opposizzjoni saret ukoll permezz ta’ Mandat ta’ Sekwestru numru 1763/03 li skond l-**Artikolu 335 (3)** ghandu effett daqs opposizzjoni formali ghall-offerti *animo compensandi*; li l-Bank qatt ma oppona ghall-istess bejgh, izda l-Bank oppona ghall-kompensazzjoni proprju ghaliex il-kreditu tieghu huwa garantit b’ipoteki hemm indikati li jirrisalu ghas-sena 1995, mentri dawk tal-konvenut odjern jirrisalu biss ghas-sena 2003; giet kontestata wkoll it-taxxa prezentata ma’ l-istess atti; li r-risposta tal-Bank datata 27 ta’ Ottubru 2003 kienet opposizzjoni abbazi tal-**Artikolu 338 (1) u (2)**; b’hekk kien japplika l-**Artikolu 338 (3)** u wara li jigi appuntat l-istess rikors skond l-imsemmija disposizzjoni; peress li ma sarx dan is-smiegh l-istess bank talab li jigi revokat l-istess digriet tal-11 ta’ Marzu 2004 u dan anke ghaliex li jekk isehh il-kumpensazzjoni jigi pregudikat il-Bank ghaliex l-ipoteki tieghu li jirrisalu ghas-sena 1995 sa 1997 jigu njorati u b’hekk l-istess kompensazzjoni ma ghandiex isehh u minflok il-prezz ghandu jigi depositat sabiex isehh l-konkors tal-kredituri skond kif inhu l-animu tal-**Artikoli 338 sa 340 tal-Kap. 12**.

“Illi l-Qorti laqghet it-talba ta’ Dr. Victor Ragonesi fir-rikors tieghu datat 22 ta’ Marzu 2004 u dan permezz ta’ digriet datat 13 ta’ Lulju 2004 fejn inghad li sar wara li l-Qorti ezaminat fid-dettal din il-procedura ta’ bejgh in subasta, u jibqghu salvi u mpregudikati d-drittijiet tas-socjeta` Bank of Valletta plc *“si et qautenus”.* Il-proprjetajiet in kwistjoni gew iskritti fir-Registru Pubbliku.

“Illi sussegwentement saret din il-kawza mis-socjeta` attrici fejn talbet li d-digrieti li nghataw fil-11 ta’ Marzu 2004 u tat-13 ta’ Lulju 2004 jigu dikjarati nulli, irriti u nvalidi minhabba li ma nghatawx skond dak li jipprovdi l-**Artikolu 338 tal-Kap.12** partikolarment is-**sub-artikolu (3) tal-Kap. 12** u t-talbiet l-ohra ndikati fic-citazzjoni attrici.

“Illi min-naha tieghu l-konvenut Dr. Victor E. Ragonesi eccepixxa li l-proceduri tas-subasta, kif ukoll id-digrieti u d-decizjonijiet kollha tal-Qorti saru skond il-ligi. Huwa eccepixxa li *ai termini* tal-**Artikolu 335 (2) tal-Kap. 12** opposizzjoni ghall-proceduri ta’ subasta b’offerta *animo*

*compensandi* biex tkun valida ghandha ssir b'nota fir-Registru tal-Qorti u mdahhla fl-atti tal-proceduri tal-irkant u dan qabel il-proceduri ghal bejgh u din ghandha tkun sostnuta b'dokumentazzjoni. Izda s-socjeta` attrici m'ghamlitx hekk anzi hija wkoll ghamlet offerti *animo compensandi.*

"Illi Dr. Ragonesi eccepixxa li s-socjeta` attrici riedet topponi ghad-domanda tieghu li joffri *animo compensandi* u din l-opposizzjoni kellha ssir qabel il-gurnata li fiha sar il-bejgh. B'hekk ladarba l-Qorti ddecidiet li l-opposizzjoni tal-istess socjeta` f'dak l-istadju tal-proceduri kienet bla bazi legali u ghalhekk illum ma tistax tirrikonsidra jew tirrevedi decizjonijiet taghha li meta saru kienu legali.

"Illi *inoltre* Dr Ragonesi eccepixxa minghajr pregudizzju illi skond l-**Artikolu 338(3) tal-Kap. 12** l-opposizzjoni tas-socjeta` attrici kienet intempestiva ghax dik kellha ssir qabel il-bejgh u mhux meta sar il-bejgh. Kien ghalhekk li l-Qorti ddecidiet li ma kienx hemm il-bzonn li r-risposta tas-socjeta` attrici tas-27 ta' Ottubru 2003 tinstema' mill-istess Qorti. *Inoltre* Dr. Ragonesi sostna li meta bdew il-proceduri tas-subasta ma kienx jaf bil-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici u s-socjeta` attrici f'dak l-istadju ma ndikatx lill-Qorti u lilu b'dawk il-pretizi pretensjonijiet.

"Illi s-socjeta` attrici mhux biss m'opponietx ghall-bejgh in subasta tal-proprjeta` u ghat-talba tieghu li huwa joffri *animo compensandi,* izda giet awtorizzata mill-istess Qorti li tikkonkorri fis-subasta, li taghmel offerti *animo compensandi* u fil-fatt hekk ghamlet, u f'punt minnhom waqfet milli tkompli toffri. Huwa sostna li mhux tassattiv li l-Qorti tisma' l-partijiet izda l-Qorti ghandha diversi ghazliet kif tipprocedi, u li l-Bank of Valletta plc kellu mezzi ohra x'jaghmel wara li gie konkluz il-bejgh fosthom l-*actio experimentalis.*

"Illi l-konvenut eccepixxa wkoll illi meta Heritage Estates Ltd irceviet il-flus li kien hallasha Alexander Kezitsine, u wara s-somma li rceviet meta bieghet *flat* fil-Qawra lil konjugi Scicluna, s-socjeta` attrici m'ghamlet xejn biex tirrikava dawk is-somom. Inoltre huwa sostna li s-socjeta`

attrici ghandha garanziji legali fuq proprjetajiet ohra tas-socjeta` Heritage Estates Ltd u tad-direttur taghha u b'hekk tista' tezercita dawk id-drittijiet.

"Illi wara li rat il-provi kollha prodotta u l-atti tas-subasta mertu tal-kawza odjerna din il-Qorti tirrileva li dak li qed jigi kontestat mis-socjeta` attrici huwa d-digriet tal-11 ta' Marzu 2004 (u digrieti l-ohra ndividwati fic-citazzjoni attrici konsewgenza wkoll ta' dan id-digriet) fejn il-Qorti laqghet it-talba ghall-kompensazzjoni *da parte* tal-konvenut odjern Dr. Victor Ragonesi minkejja l-opposizzjoni li saret mis-socjeta` attrici odjerna permezz ta' risposta datata 27 ta' Ottubru 2003, liema digriet gie milqugh skond id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 338 (4) tal-Kap. 12**, u dan peress li l-istess socjeta` attrici qed tallega li dan ma setax isir jekk mhux wara li jinstemghu l-partijiet skond l-**Artikolu 338 (3) tal-Kap. 12.**

"Illi fil-fatt l-**Artikolu 338 tal-Kap. 12** jipprovdi s-segwenti:-

*"(1) It-talba ghall-approvazzjoni tat-tpacija ghandha ssir b'rikors, u dan ghandu jigi nnotifikat lid-debitur u lil dawk li jkunu ghamlu oppozizzjoni, jew li b'talba taghhom ikunu saru Mandati ta' Qbid jew ta' sekwestru jew ta' impediment tas-safar kif imsemmi fl-Artikolu 335.*

*"(2) Il-persuni hekk notifikati ghandhom zmien tlett ijiem biex jipprezentaw twegiba li fiha jiddikjaraw bid-dettal ir-ragunijiet ghall-oppozizzjoni taghhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppozizzjoni tkun imsejjsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgh u allegata kawza ta' preferenza, huma ghandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bazi ghal dik il-preferenza. Dawn il-persuni ghandhom flimkien mar-risposta jipprezentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-oppozizzjoni taghhom.*

*"(3) Fil-kaz ta' risposta li topponi t-talba ghall-approvazzjoni maghmula skond is-sub-artikolu (2), il-Qorti ghandha taghti lir-rikorrent tliet ijiem zmien biex jipprezenta risposta flimkien ma' kull prova biex iwaqqa' l-oppozizzjoni, u wara li tisma' lill-partijiet sommarjament,*

*hija ghandha taghti dawk l-ordnijiet li jidhrulha xierqa fic-cirkostanzi".*

"Illi fis-sentenza **"HSBC Bank Malta plc v. Avv Martin Fenech et noe"** (P.A. (GV) – 28 ta' Ottubru 2005 - Rik. Nru: 636/04/GV) gie deciz li:-

*"Illi skond is-subinciz (3) tal-istess artikolu hemm provdut li meta jkun hemm risposta (1) li topponi t-talba ghall-approvazzjoni maghmula skond is-sub-artikolu (2) il-Qorti ghandha taghti lir-rikorrent tliet ijiem zmien biex jipprezenta risposta … u wara li tisma' lill-partijiet sommarjament, hija ghandha taghti dawk l-ordnijiet li jidhrulha xieraq fic-cirkostanzi".*

*"Issa illi f'dan il-kaz billi ma gietx segwita l-procedura indikata f'dan l-artikolu r-rikorrenti pprezentaw il-proceduri odjerni biex din l-Qorti terga' tikkunsidra l-Artikolu 338 u tara jekk tapprovax il-kompensazzjoni mitlub mill-Bank. Il-Qorti hi tal-fehma li r-rikors odjern tas-socjeta` rikorrenti huwa proceduralment korrett billi l-partijiet kellhom jinstemghu sommarjament qabel ma l-Qorti ddecidiet kif attwalment iddecidiet".*

"Illi minn harsa tal-istess disposizzjonijiet jidher car li meta rikors ta' dan it-tip ikun kontestat, u ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz hekk gara, (tant li fl-istess digriet (Dok. "E") ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta hemm riferenza ghar-risposta tas-socjeta` attrici datata 27 ta' Ottubru 2003 (Dok. "D") - fejn hija kjarament opponiet ghall-istess kompensazzjoni), kellha tapplika l-imsemmija disposizzjoni tal-**Artikolu 338 (3) tal-Kap. 12,** li hija mandatorja ghall-istess Qorti u dan kemm taghti lir-rikorrenti hemm indikat tliet ijiem zmien sabiex jipprezenta risposta ma' kull prova biex iwaqqa' l-opposizzjoni u wkoll li tisma' lill-partijiet sommarjament, haga li ma saritx f'dan id-digriet. Dan huwa l-punt tal-kawza kollha attrici u l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut fejn ma jikkoncernawx l-istess ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-mertu ta' din il-kawza.

"Illi din il-Qorti thoss li fil-fatt il-kliem uzat f'dan l-artikolu mil-legislatur huwa car u ma jaghti lok ghall-ebda interpretazzjoni tant li jinghad li *"il-Qorti* *__ghandha__* *taghti lir-rikorrent tliet ijiem zmien biex jipprezenta risposta flimkien ma' kull prova biex iwaqqa' l-oppozizzjoni, u* *__wara__* *li tisma' lill-partijiet sommarjament,…".*

"Illi din il-Qorti thoss li ma tistax taccetta l-eccezzjonijiet tal-konvenut f'dan ir-rigward u dan peress li s-socjeta` attrici, li kienet dahlet fil-proceduri tas-subasta msemmija permezz ta' nota datata 3 ta' Ottubru 2003 bhala kreditur esekutant, (nota li kienet giet notifikata lill-istess konvenut fit-8 ta' Ottubru 2003 u l-istess konvenut ipprezenta risposta datata 13 ta' Ottubru 2003), kienet wahda mill-persuni li kellhom ghalhekk x'jaqsmu fl-istess subasta, u dan ghaliex meta sar l-istess rikors u cedola kontestwali ta' kontestazzjoni din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef kienet ordnat li kemm l-istess rikors ta' kompensazzjoni u kontestwali cedola ta' depositu kellhom jigu notifikati lil *"kull min ghandu x'jaqsam b'erbat ijiem zmien ghar-risposta".*

"Illi certament li ma hemm l-ebda dubju li *in vista* tan-nota tas-socjeta` attrici datata 2 ta' Ottubru 2003, u fid-dawl ukoll tar-rikors tal-istess socjeta` attrici datat ukoll 2 ta' Ottubru 2003 (dejjem fl-atti tal-istess subasta) sabiex l-istess socjeta' tigi ammessa toffri *animo compensandi,* (rikors li gie notifikat lill-konvenut fid-9 ta' Ottubru 2003 filwaqt li n-nota giet notifikata lilu fit-8 ta' Ottubru 2003 – tant li l-istess konvenut ipprezenta risposta ghall-istess fit-13 ta' Ottubru 2003), li l-istess socjeta` attrici kienet wahda minn dawk il-persuni li kellhom interess fl-istess rikors u subasta, u b'hekk din il-Qorti thoss li a bazi ta' dan l-artikolu msemmi japplika ghall-kaz in ezami.

"Illi dan mhux biss izda jidher car li l-istess socjeta` attrici bin-nota taghha tat-2 ta' Ottubru 2003 hadet il-posizzjoni taghha fl-istess atti tas-subasta a bazi tal-**Artikolu 346 tal-Kap. 12** u dan bhala kreditur ezekutant iehor u dan bl-istess jeddijiet u l-istess obbligazzjonijiet daqslikieku hija kienet l-ezekutant originali, u f'dan l-isfond it-talba attrici

hija iktar sinifikanti ghaliex proprju ghandek f’dawn il-proceduri konkorrenza ta’ zewg kredituri ezekuttanti.

“Illi ma’ dan jinghad u jigi osservat ukoll li minkejja li l-istess rikors tal-konvenut Dr. Victor Ragonesi lanqas ma gie notifikat *“ut sic”* lis-socjeta` attrici, l-istess socjeta` attrici xorta wahda ghamlet risposta, u l-istess konvenut kien konxju tal-istess tant li huwa pprezenta risposta ulterjuri datata 11 ta’ Novembru 2003, proprju sabiex jirribatti dak li hemm kontenut fir-risposta tas-socjeta` attrici.

“Illi huwa veru li fid-digriet impunjat hemm riferenza ghall-**Artikolu 335 (2)**, pero` din tirreferi biss ghall-opposizjoni ta’ talbiet sabiex isiru offerti *animo compensandi*, meta r-rikors u digrieti odjerni jittrattaw dwar talba ghall-kompensazzjoni, u certament li fid-dawl tal-fatt li r-risposta saret mis-socjeta` attrici ghar-rikors tat-tip indikat fl-**Artikolku 338 (1)** maghmul mill-konvenut Dr. Victor Ragonesi, dan irrendi l-procedura kollha skond id-disposizzjonijiet tal-istess artikolu applikabbli ghall-istess u senjatament ghal dak li hemm provdut fl-**Artikolu 338 (3) tal-Kap. 12.**

“Illi dan qed jinghad apparti l-fatt li din il-Qorti thoss li r-rikors *animo compensandi* pprezentat mis-socjeta` attrici, u n-nota taghha datata 2 ta’ Ottubru 2003 tikkwalifika wkoll ghal kull effett u *buon fini* tal-ligi bhala opposizzjoni ghat-talba ta’ kompensazzjoni mitluba mill-konvenut u b’hekk ma hemm l-ebda dubju li l-**Artikolu 338 (3) tal-Kap. 12** japplika ghall-kaz in ezami, u l-istess rikors tal-konvenut tat-22 ta’ Ottubru 2003 kellu jigi appuntat ghas-smiegh u dan irendi d-digriet imsemmi tal-11 ta’ Marzu 2004 null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

“Illi dwar dak li argumenta l-konvenut, li l-istess socjeta` attrici ma kienitx opponiet ghar-rikors ghall-offerti *animo compensandi* tat-3 ta’ Dicembru 2001, li giet milqugha bla ebda notifiki b’digriet datat 4 ta’ Dicembru 2001, jinghad li f’dak iz-zmien is-socjeta` attrici kienet ghadha ma dahlitx fl-atti tas-subasta, u hija qatt ma giet notifikata bl-istess rikors. Kien fit-2 ta’ Ottubru 2003 li s-socjeta` attrici

ghamlet talba sabiex hija tigi awtorizzata taghmel offerti *animo compensandi* u ghalkemm l-istess rikors baqa' mhux degretat, din il-Qorti thoss li f'dawn ic-cirkostanzi kellhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 336** li jaghmel riferenza ghall-**Artikolu 334** u dan iktar u iktar bin-nota tas-socjeta` attrici datata 2 ta' Ottubru 2003, fejn bl-istess dahlet fl-atti tas-subasta proprju bhala kreditur ezekutant, u b'hekk kien hemm skond id-disposizzjonijiet ta' l-istess **Artikolu 336** zewg kredituri jew izjed li kienu qed joffru *animo compensandi,* u b'hekk kellhom ukoll japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 334** – li jidher li jikkweparaw is-sitwazzjoni ta' konkors ta' zewg kredituri ma' dik fejn ikun hemm opposizzjoni, b'dan il-Qorti tkun tista' tiddeciedi li l-prezz offert jigi depositat.

"Illi b'li gara minkejja li hemm rikors tas-socjeta` attrici pprezentat sabiex taghmel hija wkoll offerti *animo compensandi*, tant li kien hemm risposta ghall-istess minn Dr. Victor Ragonesi, liema rikors ma giex degretat, kien ifisser li fid-data tal-bejgh in subasta l-Bank of Valletta p.l.c ma thalliex u ma setghax jaghmel offerti la *animo compensandi* u lanqas bhala ezekutant. Fil-fatt jidher li ghalkemm l-istess Bank of Valletta p.l.c. kkonkorra fil-proceduri tas-subasta, izda l-ebda offerta taghha ma giet indikata li saret minnu *animo compensandi,* u l-unika persuna li ghamlet tali offerti *animo compensandi* kienet proprju l-konvenut odjern Dr. Victor Ragonesi, tant li fejn u hdejn l-offerti tieghu hemm indikat l-ittri "A.C" u dan kollox skond dak verbalizzat mid-Deputat Registratur Vincent Attard fil-process verbal relattiv ghall-bejgh tal-irkant li sar fis-16 ta' Ottubru 2003.

"Illi jinghad ukoll li l-konvenut Dr. Victor Ragonesi kien ghamel talba ohra sabiex jkun jista' jaghmel offerti *animo compensandi* u dan permezz ta' rikors datat 7 ta' Jannar 2003 li gie milqugh b'digriet datat 21 ta' Marzu 2003, izda li wkoll ma giex notifikat lis-socjeta` attrici, li *in verita*` ma kienitx ghadha dahlet fil-proceduri tas-subasta. Dan kien ukoll sar meta d-data tas-subasta kienet ghadha dik indikata fid-digriet datat 21 ta' Frar 2003 appuntata ghas-27 ta' Marzu 2003; u dan wara d-digriet tal-20 ta' Frar 2003.

“Illi apparti u indipendentement minn dak hawn stabbilit, din il-Qorti thoss li kien hemm opposizzjoni wkoll ghal tali rikors ghall-kompensazzjoni fl-atti tas-subasta numru 48/2001 permezz tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1763/03 li jwassal ukoll ghall-opposizzjoni abbazi tal-**Artikolu 338 (3) tal-Kap. 12.**

“Illi ma hemm l-ebda dubju li tali mandat huwa kkonsidrat bhala opposizzjoni anke ghal talba *animo compensandi* skond id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 335 (3)**, u certament li la darba prezentat huwa wkoll forma ta’ opposizzjoni ghall-fini ta’ dak li jipprovdi l-**Artikolu 338 (3) tal-Kap. 12**. Fil-fatt jigi rilevat li skond l-**Artikolu 335 (3)** tali Mandat ta’ Sekwestru huwa kkonsidrat bhala opposizzjoni proprju ghax mahrug fuq il-prezz tal-oggetti mibjugha in subasta.

“Illi ghalhekk bhala konsegwenza ta’ dan u b’referenza ghall-**Artikolu 338 (1)** it-talba ghall-approvazzjoni tat-tpacija li saret mill-konvenut fit-22 ta’ Ottubru 2003 kellha tigi notifikata lid-debituri u lil Bank of Valletta p.l.c abbazi ta’ dak kollu li hawn inghad, u tenut kont tal-fatt li s-socjeta` attrici skond id-disposizzjoni tal-**Artikolu 338 (2)** ipprezentat ir-risposta taghha fejn opponiet fid-dettal ghat-talba ta’ kompensazzjoni maghmula mill-konvenut, ma hemm l-ebda dubju li kellha tigi segwieta l-procedura abbazi tal-**Artikolu 338 (3) tal-Kap. 12** u allura skond l-istess artikolu l-Qorti ma kellhiex triq ohra hlief li taghti lil Dr. Victor  Ragonesi bhala rikorrenti tliet ijiem zmien biex jipprezenta risposta flimkien ma’ kull prova biex iwaqqa’ l-opposizzjoni, u wara kellha tisma’ lill-partijiet sommarjament biex b’hekk taghti dawk l-ordnijiet li jidhrulha xierqa fic-cirkostanzi.

“Illi peress li fil-kaz odjern dan is-smiegh ma sehhx din il-Qorti thoss li d-digriet tal-11 ta’ Marzu 2004 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

“Illi hawnhekk issir referenza wkoll ghas-sentenza **“J. Bonavia v. C. Zahra et”** (P.A. (TM) – 13 ta’ Marzu 2003 Rik Nru: 77/99/TM) fejn il-Qorti qalet li :

*"Anke kreditur li ma jippartecipax fis-subasta, ghandu d-dritt jopponi talba ghall-kumpensazzjoni billi jirreklama kawza ta' preferenza li tintolah jizbanka r-rikavat bi preferenza ghall-kreditur ezekutant. Il-ligi ma tillimitax id-dritt ta' opposizzjoni ghall-kredituri li jkunu ppartecipaw fis-subasta, milli jinkonkorri fuq depositu naxxenti minn subasta ohra".*

"Illi dan ikompli jsahhah l-argument tas-socjeta` attrici ghaliex anki li kieku hija ma pprezentat l-ebda mandat jew xi att iehor kif fuq indikat, (haga li hija ghamlet) hija xorta wahda kellha kull dritt li topponi t-talba ghall-kumpensazzjoni billi hija qeghda ssostni li l-krediti taghha jippregradwaw dawk tal-konvenut u peress li fi kwalunkwe kaz issodisfat ir-rekwiziti tal-**Artikolu 338 (2) tal-Kap. 12**, u b'hekk is-smiegh tal-istess partijiet sommarjament kien japplika ghal kaz in ezami.

"Illi konsegwentement jinghad li d-digriet tat-13 ta' Lulju 2004 huwa wkoll irritu u null ghax minkejja r-rikors tas-socjeta` attrici datat 26 ta' Marzu 2004 fejn l-istess socjeta` talbet li minhabba l-opposizzjoni taghha abbazi tal-**Artikolu 338 (2)** mela allura l-istess rikors tat-22 ta' Ottubru 2003 tal-konvenut odjern Dr. Victor Ragonesi fejn intalbet il-kompensazzjoni fuq riferita kellu jigi appuntat ghas-smiegh b'dan li jigi revokat id-digriet tal-11 ta' Marzu 2004, l-istess disposizzjonijiet tal-**Artikolu 338 (3) tal-Kap. 12** xorta wahda baqghu ma gewx osservati, u ghalhekk l-istess socjeta` attrici kellha fil-fatt taghmel din il-kawza.

"Illi ghal dak li jirrigwarda d-digriet tat-13 ta' Lulju 2003 (Dok. "J") din il-Qorti tirreferi ghall-istess argumentazzjoni fuq indikata, in kwantu t-talba ta' kompensazzjoni la darba opposta bil-mod kif indikat fl-**Artikolu 338 (2)** mis-socjeta` attrici, kellha skond il-ligi tithalla ghas-smiegh skond il-provedimenti tal-**Artikolu 338 (3) tal-Kap. 12**; f'dan is-sens ukoll id-digriet tat-13 ta' Lulju 2004, fejn l-istess Qorti fuq talba tal-konvenut kontenuta fir-rikors tieghu datat 16 ta' Marzu 2004 (Dok. "H") hasret il-kliem tad-digriet taghha stess tal-11 ta' Marzu 2004 fejn imponiet lill-konvenut sabiex *"jaghti garanzija skond id-disposizzjonijiet tal-*

***Artikolu 338 (4)”,*** dan ukoll kellu jsir wara li jsir is-smiegh indikat fl**-Artikolu 338 (3) tal-Kap. 12**.

“Illi f’dan il-kuntest jinghad li bl-imposizzjoni tal-istess kundizzjoni mill-Qorti skond id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 338 (4) tal-Kap. 12,** ma jesizti allura l-ebda dubju li kien hemm fuq kollox rikonoxximent car li in effetti kien hemm opposizzjoni mis-socjeta` attrici ghall-istess talba ta’ approvazzjoni ta’ tpacija proposta mill-konvenut Dr. Victor Ragonesi a bazi tal-**Artikolu 338 tal-Kap. 12**, u ghalhekk dan iwassal ghall-konkluzjoni li ladarba gie applikat l-istess artikolu, l-istess artikolu kellu jigi osservat fid-disposizzjonijiet mandatorji tieghu; ghalhekk wkoll it-tnehhija tal-istess kundizzjoni mid-digriet originali ma setghatx isehh jekk mhux ukoll bl-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-ligi, nkluz l-**Artikolu 338 (3) tal-Kap. 12**.

“Illi huwa rilevanti li jigi osservat dak li nghad fis-sentenza **“Bank of Valletta plc v. Alfred Attard”** (P.A. (TM) – 29 ta’ April 2004 Cit.Nru: 309/02/TM) fejn gie deciz li:-

*“Issa kif inhu maghruf, il-fatt li kreditur jibda proceduri ghas-subasta, ma jakkwistax b’daqshekk privilegg jew kawza ta’ preferenza, u huwa xorta jibqa’ jzomm il-pozizzjoni tieghu fl-ordni tal-kredituri li jkunu qed jikkonkorru fuq somma depozitata. L-uniku privilegg li taghtih il-ligi bl-Artikolu 2003 u 2004 tal-Kodici Civili, huwa ghall-ispejjez gudizzjarji li jsiru ‘fl-interess tal-kredituri kollha, fosthom l-ispejjez mehtiega sabiex isir il-bejgh tal-beni u l-qsim tal-prezz taghhom’. Il-ligi lanqas taghti lil dak il-kreditur ezekutant privilegg ghall-ispejjez minnu nkorsi ghall-kanonizazzjoni tal-kreditu tieghu, ghax ghalkemm l-Artikolu 337(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, jitlob li meta min jixtri l-proprjeta` b’subasta ma jkunx l-ezekutant, dan ghandu jiddepozita l-ispejjez li l-ezekutant ikun ghamel ghall-kanonizazzjoni tal-kreditu tieghu u ghall-irkant, il-ligi ma tfornix lill-ispejjez ghall-kanonizazzjoni tal-kreditu b’xi privilegg specjali”.*

“Illi l-fatt li l-istess konvenut beda l-proceduri tas-subasta ma jfissirx li ghandu vantagg fuq kredituri ohra, u kien

ghalhekk li l-legislatur haseb ghall-proceduri ndikati fl-**Artikolu 338** u tali procedura hija tassativa fil-kaz hawn indikat u partikolarment f'dak li jipprovdi l-**Artikolu 338 (3) tal-Kap. 12** u b'hekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha,

“Illi dan kollu jrendi l-eccezzjonijiet tal-konvenut insostenibbli peress li fil-kaz ta' opposizzjoni skond il-ligi u skond l-**Artikolu 338 tal-Kap. 12** – ma hemm l-ebda triq ohra hlief li jsir is-smiegh indikat; dan in-nuqqas irendi dak li sehh wara bhala null u bla effett sakemm isir is-smiegh indikat fl-**Artikolu 338 (3) tal-Kap. 12** u b'hekk it-talbiet attrici kollha ghandhom jigu milqugha.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Dottor Victor Emanuel Ragonesi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, billi tichad id-domandi attrici u takkolji l-eccezzjonijiet tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur Bank of Valletta Plc.

Rat ir-risposta tal-bank attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab biex l-odjern appell jigi michud, bl-ispejjez kontra l-appellant;

Semghet id-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma jigi deciz il-meritu ta' dan l-appell, lil din il-Qorti jehtiegilha titratta l-pregjudizzjali sollevata mill-bank appellat fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2009, quddiem din il-Qorti. F'dik l-udjenza gie verbalizzat hekk:

“Dr. Dominic Cassar ghal Bank of Valletta plc jeccepixxi d-derzerzjoni tal-appell fit-termini tal-Art. 963 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi whud mill-appellati gew notifikati bir-rikors tal-appell wara t-terminu ta' sena stipulat fl-Artikolu 963(1) tal-Kap. 12 meta wiehed jikkonsidra l-Art. 187(3) tal-Kap. 12, illi jistipula li notifika kostruttiva permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni titqies li

saret fit-tielet jum tax-xoghol wara l-ahhar pubblikazzjoni jew affissjoni skond il-kaz u dan peress li l-istess appellati saret il-pubblikazzjoni fir-rigward taghhom fis-16 ta’ April 2008.”

Bhala fatt l-appell ta’ Dr. Ragonesi gie pprezentat fis-17 ta’ April 2007, u ghalhekk, fit-termini tal-Artikolu 963(1) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), u l-interpretazzjoni tal-istess moghtija minn din il-Qorti, (ara per ezempju l-kawza **Camilleri v. Camilleri et**, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta’ April 2009), l-istess rikors tal-appell irid jigi notifikat lill-partijiet kollha fil-kawza (Artikolu 144(1) tal-imsemmi Kap. 12) entro sena, jigifieri, f’dan il-kaz, sas-17 ta’ April 2008. Jirrizulta li l-konvenuti appellati kollha gew notifikati bil-procedura ta’ affissjoni u pubblikazzjoni fit-termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12, u dan wara rikors li l-appellant ressaq fit-3 ta’ April 2008. Fil-fatt, jidher li l-appellant, ghall-ewwel, talab li r-rikors tieghu jigi notifikat biss lill-bank attur, u kien biss fis-17 ta’ Marzu 2008, li nduna li kien hemm nuqqas u ghalhekk talab in-notifika tal-konvenuti l-ohra.

Il-konvenuti l-ohra gew notifikati bl-affissjoni fid-9 u fl-10 ta’ April 2008, bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, fil-15 ta’ April 2008, u f’zewg gurnali lokali fis-16 ta’ April 2008. Dan ifisser skond l-Artikolu 187(3), li in notifika ufficjali “titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xoghol wara l-ahhar data” tal-pubblikazzjoni jew affissjoni. Ghal dan il-kaz, dan ifisser li n-notifika saret fl-21 ta’ April, 2008 (peress li d-19 u l-20 ta’ April 2008, kienu jiem tas-Sibt u l-Hadd rispettivament).

Jidher ghalhekk, li whud mill-partijiet f’din il-kawza gew notifikati wara sena mid-data tal-prezentata tar-rikors tal-appell.

F’dan il-kaz, l-appellant wera non-kuranza kbira ghax mhux biss talab li jigu notifikati l-konvenuti l-ohra hdax-il xahar wara l-prezentata tar-rikors tal-appell, izda, minkejja li z-zmien kien qed jafas, ma talabx notifika b’urgenza, biex din il-Qorti, fit-termini tal-istess Artikolu 187(3), tistabilixxi hi meta n-notifika tkun “titqies” li tkun saret, data

li, imbaghad, tkun trid tissemma' wkoll fl-istess pubblikazzjoni jew twahhil.

L-appellant jinvoka l-Artikolu 963(3) tal-istess Kap. 12 li jaghti l-fakkolta` lill-Qorti taghti zmien ulterjuri (cioe`, aktar minn sena) biex jinghalqu l-proceduri bil-miktub. Dan l-artikolu, pero`, mhux applikabbli ghal kaz, ghax dak l-artikolu jidhol fis-sehh biss meta "jinsab li l-procecudri bil-miktub f'kawza m'humiex maghluqa," u hi intiza biex jinghata aktar zmien "sabiex l-istess proceduri jinghalqu". F'dan il-kaz, il-proceduri bil-miktub huma maghluqa, izda dan sar wara t-terminu perentorju ta' sena. Gialadarba l-proceduri bil-miktub inghalqu wara t-terminu ta' sena, din il-Qorti m'ghandiex "ordnijiet" x'taghti biex jinghalqu l-istess proceduri, u m'ghandha xejn aktar x'taghmel hlief li tiddikjara l-appell dezert (ara **Xuereb v. Grech et**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Jannar 2008).

F'dan il-kaz, lanqas ma hu applikabbli l-Artikolu 963(4), peress li l-konvenuti, li fil-konfront taghhom il-proceduri bil-miktub inghalqu tard, ma deherux quddiem din il-Qorti u rrinunzjaw, espressament jew implicitament, ghall-effetti tad-dezerzjoni. Din id-dezerzjoni li, *del resto*, tista' tigi sollevata mill-Qorti *ex officio*, hija ta' ordni pubbliku li ghandha tigi ppronunzjata meta joperaw l-provvedimenti applikabbli tal-ligi.

Ghal kull buon fini, u strettament bla pregjudizzju, din il-Qorti trid tirrimarka li, fir-rigward tal-meritu, tara' li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija sostanzjalment gusta, ghax fit-termini tal-Artikolu 338 tal-imsemmi Kap. 12, darba rrizulta li l-bank attur kien, bhala kreditur, talab u ottjena l-hrug ta' mandati li gew notifikati lir-Registratur ta' dawn il-qrati, kull kreditur li jkun ghamel il-mandati ghandu jigu notifikat b'rikors ghall-kumpensazzjoni li jsir minn kreditur iehor, u jkollu dritt li jopponi u li jinstema' sommarjament quddiem il-Qorti sabiex jispjega d-drittijiet prioritarji tieghu – haga li ma sehhietx f'dan il-kaz u li ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut Avukat Dottor Victor E.

Ragonesi, billi tichad l-istess u anzi tiddikjara l-istess appell bhala dezert ghal kull fini u effetti tal-ligi.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut appellant Dr. Victor E. Ragonesi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------